**281. L-Onor. Carm Lino Spiteri, jipproponi:**

## MOZZJONI DWAR ALLEGAZZJONIJIET TA' IRREGOLARITAJIET FIL-ĦRUĠ TA' PERMESSI GĦALL-BINI

Billi fis-seduta tas-26 ta' Mejju,1980, l-Onor. Carmelino Spiteri tkellem dwar allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet fil-ħruġ ta' permessi għal bini u semma każijiet partikolari fejn ingħataw jew kienu se jingħataw permessi għal bini fuq artijiet li kienu "green areas";

U billi l-istess Onor. Carmelino Spiteri fl-istess seduta talba lill-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport jinvestiga dwar l-allegati irregolaritajiet u jfitex ukoll min huma l-persuni li fl-interess tagħhom inħarġu l-permessi;

U billi l-Kamra tqis li r-risposta li ta l-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport ma hix sodisfaċenti anzi kompliet tnissel dubbji serji partikolarment minħabba li kif sostna l-istess Ministru tax-Xogħlijiet, it-tibdil f'li schemes mhux qed isir fuq iniżjattiva tad-Dipartiment iżda fuq talbiet ta' individwi;

Din il-Kamra tirriżolvi li twaqqaf kumitat tagħha stess magħmul minn tliet Membri min-naħa tal-Gvern u żewġ Membri min-naħa tal-Oppożizzjoni biex jirrapportaw lill-Kamra dwar jekk kienx hemm irreġolaritajiet fil-ħruġ ta' permessi għal bini mill-1976 'il hawn u f'każ affermattiv ta' min kienet ir-responsabbilta' għal dan u jirakkommanda x'miżuri għandhom jittieħdu biex jiġu evitati abbuzi.

03.09.1980

**Il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, l-Onor. Lorry Sant ressaq din l-emenda:**

Ħassar il-kliem kollu wara "każijiet partikolari" fir-raba' vers tal-ewwel paragrafu u daħħal minfloku l-kliem li ġej :

"Iżda ma għamel ebda akkuża partikolari li teħtieġ tiġi mistħarġa;

U billi l-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport ġa' ta lill-Kamra risposta sodisfaċenti għall-allegazzjonijiet li saru;

hu jiddikjara ruħu lest li jitlob lill-Kamra li twaqqaf kumitat biex jistħarreġ akkużi speċifiċi, jekk isiru mill-Onor. Carm Lino Spiteri bil-miktub lill-President tal-Kamra fi żmien tlett ijiem mill-lum, li jagħlqu fil-5.00 ta' fil-għaxija ta' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Lulju, 1981; u

Għalhekk il-Kamra tirriżolvi li kumitat għall-iskop fuq imsemmi jitwaqqaf biss jekk l-Onor. Carm Lino Spiteri jġib 'il quddiem akkużi speċifiċi kif intqal hawn fuq".

Emenda għaddiet nem.con fis-Seduta 518 tat-30 ta' Ġunju 1980.

<u>Il-Mozzjoni, kif emendata, għaddiet nem. con. fis-Seduta 518 tat-30 ta' Ġunju 1980.</u>